32006D0209

L 75/26 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 14.3.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-9 ta' Marzu 2006

dwar l-għotja ta' derogi biex is-sistemi ta' l-istatistika ta' l-Isati Membri jiġu f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1161/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 706)

(It-testi biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Iżvediż, bil-Malti, bil-Portugiż, bis-Slovakk, bis-Sloven u bl-Ungeriż biss huma awtentiċi)

(2006/209/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1161/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2005 dwar il-ġabra ta' kontijiet trisemestrali mhux finanzjarji mis-settur istituzzjonali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat it-talbiet mir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika Ellenika, l-Irlanda, ir-Repubblika ta' Ċipru, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika tas-Slovakkja, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju ta' l-Iżvezja u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u ta' l-Irlanda ta' Fuq,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1161/2005 jispeċifika l-lista ta' *data* trisemestrali li trid tiġi trażmessa mit-3 ta' Jannar 2006 'il quddiem.

(2) L-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KE) Nru 1161/2005 jistipula li d-derogi minn dak ir-Regolament jistgħu jiġu aċċettati mill-Kummissjoni jekk is-sistemi nazzjonali ta' statistika jeħtieġu adattament kbir. Tali derogi m'għandhomx idumu aktar minn tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament.

(3) Numru ta' awtoritajiet ta' Stati Membri talbu, permezz ta' ittra, biex jingħataw id-derogi skond l-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KE) Nru 1161/2005.

(4) Mill-informazzjoni pprovduta lill-Eurostat, jidher li t-talbiet għall-derogi ta' l-Istati Membri huma ġejjin millbżonn ta' emendi kbar fis-sistemi nazzjonali ta' l-istatistika sabiex jikkonformaw bis-sħiħ mar-Regolament (KE) Nru 1161/2005. Il-ġabra tal-kontijiet trisemestrali mhux finanzjarji mis-settur istituzzjonali titlob sorsi addizzjonali ta' *data*, l-iżvilupp ta' għodod ġodda ta' l-isatistika u d-disinn u l-implimentazzjoni tas-sistema ta' produzzjoni li hija kapaċi tilħaq skandenzi qosra. Id-derogi mitluba għandhom għalhekk jingħataw,

ADOTTAT DIN ID-DECIZJONI:

Artikolu 1

Id-derogi huma hawnhekk mogħtija lill-Istati Membri mniżżla fl-Anness, skond il-kundizzjonijiet u soġġetti għal-limiti stipulati fih, sabiex jippermetti lil dawk l-Istati Membri biex iġibu is-sistemi nazzjonali ta' l-istatistika rispettivi f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1161/2005.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ċeka, lir-Renju tad-Danimarka, lir-Repubblika ta' l-Estonja, lir-Repubblika Ellenika, lill-Irlanda, lir-Repubblika ta' Ċipru, lill-Gran Dukat tal-Lussemburgu, lir-Repubblika ta' l-Ungerija, lir-Repubblika ta' Malta, lir-Repubblika Portugiża, lir-Repubblika tas-Slovenja, lir-Repubblika tas-Slovakkja, lir-Repubblika tal-Finlandja, lir-Renju ta' l-Iżvezja u lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u ta' l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmula fi Brussell, id-9 ta' Marzu 2006.

Għall-Kummissjoni

Joaquin ALMUNIA

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 191, tat-22.7.2005, p. 22.

ANNESS

Derogi mir-Regolament (KE) Nru 1161/2005 [1]

Stat Membru	Fatturi varjabbli	Tmiem tad-deroga
Ir-Repubblika Ċeka	Il-fatturi varjabbli kollha għas-setturi S13 u S2	l-1 ta' Jannar 2008
Id-Danimarka	Il-fatturi varjabbli kollha	l-1 ta' April 2008
L-Estonja	Għas-setturi S13: D41-riżorsi, D4N-riżorsi, D71, D72-riżorsi, D7N u K2-użi	l-1 ta' Jannar 2007
Il-Greċja	Il-fatturi varjabbli kollha	fil-11 ta' Awissu 2008.
L-Irlanda	Il-fatturi varjabbli kollha ħlief għas-setturi S13 u S2	fil-11 ta' Awissu 2008.
Ċipru	Data b'lura għas-settur S13 matul il-prejodu [1999Q1-2003Q4]	l-1 ta' April 2008
	Għas-settur S2: D1, D2-riżorsi, D21-riżorsi, D29-riżorsi, D3-użi, D31-użi, D39-użi, D4, D41, D4N	l-1 ta' Ottubru 2007
	Għas-settur S2: D5, D6, D61, D62, D7, D71, D72, D7N, D8, D9, D91-użi, D9N, K2-użi, B9 u B12	il-11 ta' Awissu 2008.
Il-Lussemburgu	Għas-settur S2: D4, D41, D4N, D7, D71, D72, D7N, D8, D9, D9N u B12	l-1 ta' April 2008
L-Ungerija	Data b'lura għas-settur S13 matul il-prejodu [1999Q1-2003Q4]	l-1 ta' Jannar 2007
	Il-fatturi varjabbli kollha għas-settur S2	l-1 ta' Lulju 2008
Malta	Il-fatturi varjabbli kollha għas-settur S2	l-1 ta' Jannar 2008
Il-Portugall	It-Trażmissjoni limitata għal dawn il-varjabbli li ġejjin: — Għas-settur S1: D5-użi — Għas-setturi S13: P5-użi, P5N-użi — Għas-settur S2: D1, D2-riżorsi, D3-użi, D4, D5, D7, D9 u K2-użiIl-fatturi varjabbli t'hawn fuq huma trażmessi fuq Q+100 jiem (kalenderji) minflok Q+95 jiem (kalendarji).	il-11 ta' Awissu 2008.
Is-Slovenja	Il-fatturi varjabbli kollha għas-setturi S13 u S2	l-1 ta' Jannar 2007
Is-Slovakkja	Il-fatturi varjabbli kollha għas-setturi S13 u S2	l-1 ta' Jannar 2008
Il-Finlandja	Il-fatturi varjabbli kollha	l-1 ta' April 2008
L-Iżvezja	Għas-settur S13: P31-użi, P32-użi, B7G Għas-settur S14_15: B7G	il-11 ta' Awissu 2008.
Ir-Renju Unit	Għas-settur S1N: D2-użi, D21-użi, D3-riżorsi, D31-riżorsi, B1G u B1N Għas-setturi S11 u S12: D1-użi, D2-użi, D29-użi, D3-riżorsi, D39-riżorsi, B1G u B1N Għas-settur S13: B1G u B1N Għas-settur S14_15: D1-użi, D2-użi, D29-użi, D3-riżorsi, D39-riżorsi, B1G u B1N Għas-settur S2: D1-użi	l-1 ta' Jannar 2008

[1] Derogi mniżżla f'din it-tabella ma jappellawx għall-varjabbli li ġew trażmessi taħt il-programm ta' trażmissjoni ESA95 (Anness B tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96) u l-emendi sussegwenti; skond ir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 246/2000 jew skond ir-Regolament (KE) Nru 1221/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.